## V.DA KONFRATERNITA

## TAL-B.V.M TAL-KARMELU

A.D. 1801



30 ta' Ġunju 2011

Ħuti Fratelli,

Reġgħet waslet il-festa tal-Madonna tal-Karmnu, il-festa tant għażiża għalina l-Karmelitani Żrieraq. Biex nitħejjew tajjeb b'mod spiritwali, il-Fratellanza, b'kollaborazzjoni sħiħa ma' l-Arċipriet, Dun Charles Attard, ħejjiet programm ta' funzjonijiet reliġjużi li jinfirex bejn **il-21 ta' Ġunju u l-24 ta' Lulju** fejn il-festa tilħaq il-qofol tagħha bil-laqgħa kbira li aħna ż-Żrieraq nagħmlu lill-Omm u Reġina tagħna, Marija Santissima, taħt it-titlu ferm devot u sabiħ tal-Karmnu.

Inħeġġiġkom biex tattendu numerużi għal **Jum il-Fratellanza**, li jaħbat nhar it-Tlieta, 19 ta' Lulju. Intom mitluba tkunu l-knisja **fis-6.00p.m.** biex **lebsin il-konfratija u l-muzzetta** tieħdu sehem fil-quddiesa kantata li matulha ssir il-Professjoni tal-Fratelli u Sorelli ġodda.

Nieħdu ħsieb nippreparaw ruħna kif inhu xieraq għall-festa tant għażiża tagħna billi nattendu għall-funzjonijiet kollha li jsiru fil-knisja, kif ukoll biex nimxu wara Ommna Marija fil-purċissjoni devota ta' nhar il-festa. Importanti ħafna li kull min jattendi għall-purċissjoni, l-aktar **ir-reffiegħa u dawk tal-forċina, ikun liebes żarbun u kalzetti suwed. Il-purċissjoni tibda ħierġa fis-7.00 p.m.** Inħeġġeġ lill-fratelli li se jakkumpanjaw mal-purċissjoni biex jaħsbu kmieni u jkunu l-knisja mill-inqas **nofs siegħa qabel** tibda ħierġa l-purċissjoni.

Biex nagħlqu l-festi f'ġieħ Ommna Marija taħt it-titlu tal-Karmelu, **il-quddiesa tal-11.00 a.m. tal-Ħadd, 31 ta' Lulju** se tkun bħala ringrazzjament lil Alla u lill-Madonna tal-festa li tkun għadha kif għaddiet. Mistiedna jattendu dawk kollha li kienu nvoluti fl-organizzazzjoni tal-festa, kemm dik **interna** kif ukoll **esterna**.

Bħal snin oħra komplejna bix-xogħol ta' restawr fuq l-armar li jżejjen il-knisja fil-ġimgħa tal-festa. Għal din is-sena ħadna ħsieb li nibbanjaw il-**brazzi tal-Via Sagra.** Biss l-akbar proġett li daħlet għalih il-Fratellanza hu t-tiswija u l-indurar mill-ġdid tat-**tużell artistiku** li jintrama fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Għal din is-sena is-Sur John Muscat tan-Naxxar lestielna l-**loppa** li se tkun għall-**wiri** ħdejn l-artal tal-Madonna tal-Karmnu **is-Sibt 9 u l-Ħadd 10 ta' Lulju**. L-ispiża finali tlaħħaq mad-**€19,000** (Lm8,000 mill-antiki). Nitolbukom biex tkunu ġenerużi bħalma dejjem kontu. Grazzi mill-qalb.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi, f'isem il-Kumitat kollu tal-Fratellanza, nawgura lilkom u lill-familja tagħkom, il-**FESTA t-TAJBA**.

**Dejjem Tagħkom,**



**Joseph Buhagiar**
**Segretarju**

**FRATELLANZA TAL-B.V.M. TAL-KARMELU IMWAQQFA FL-1801 - PARROĊĊA ŻURRIEQ**
RETTUR - FRANCIS FARRUGIA TEL : 21641358 • MOB : 79479119
SEGRETARJU - JOSEPH BUHAGIAR TEL : 21647403 • MOB : 99488262